# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Lulju, 2024.**

**Numru 6**

**Appell Numru 331/2024/1**

**Polaris Marine Services Co Ltd (C 48840)**

**v.**

**Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura; u d-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti, għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq minn Polaris Marine Services Co. Ltd kontra deċiżjoni mogħtija mill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi fl-20 ta' Mejju, 2024, li permezz tagħha l-Bord ikkonferma t-tħassir tas-sejħa pubblika bin-numru ta' riferenza SPD

8/2022/181.

**Daħla**

2. Fis-7 ta' Diċembru, 2022, id-Direttorat tal-Akkwist Settorjali, fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti, ħabbar sejħa pubblika (SPD 8/2022/181) f'isem id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura msejħa, *«Tender for the Supply, Delivery, Maintenance and Commissioning of Two Rigid Hull Inflatable Boats (RHIB) for the Department of Fisheries and Aquaculture.»*

3. Kif jidher mill-qoxra tad-dokument ta' din is-sejħa, dan il-proġett kien parti ffinanzjat minn fondi lokali u parti ffinanzjat minn fondi ġejjin mill-Unjoni Ewropea:

| |
|---|
| *Maritime and Fisheries Operational Programme 2014-2020*<br>*Part-financed by the European Union*<br>*European Maritime and Fisheries Fund*<br>*Co-financing Rate: 70% European Union Funds; 30% National Funds* |

4. Wara li ntemm l-istadju tal-għarbiel tal-offerti, id-Dipartiment tal-Kuntratti fil-11 ta' April, 2023 għarraf lil Polaris Marine Services Co Ltd illi l-offerta tagħha ma tqisitx bħala waħda konformi mal-ħtiġijiet tekniċi tas-sejħa. Fl-istess korrispondenza ġie mgħarraf ukoll li l-kuntratt ġie rakkomandat illi jingħata lil United Equipment Co (UNEC) Ltd għall-prezz ta' €399,861.08 mingħajr VAT.

5. B'sentenza mogħtija fid-29 ta' Awwissu, 2023, il-Qorti tal-Appell ħassret kemm l-iskwalifika ta' Polaris Marine Services Co. Ltd, kif ukoll l-għoti tal-kuntratt lil United Equipment Co (UNEC) Ltd u ordnat minflok li l-atti għandhom imorru lura għand id-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex dan jerġa' joħroġ aġġudikazzjoni ġdida, wara li jerġa' jdaħħal lura l-offerta ta' Polaris Marine Services Co. Ltd.

6. Sitt xhur wara din is-sentenza, eżattament fid-29 ta' Frar, 2024, id-Dipartiment tal-Kuntratti bagħat jgħarraf hekk lil Polaris Marine Services Co. Ltd:

> *«Thank you for participating in the abovementioned procurement procedure. However, this Ministry regrets to inform you that this call for tenders is being recommended for cancellation in line with Article 18.3(b) of the General Rules Governing Tenders.»*

7. L-**Artikolu 18.3(b)** ta' dawn ir-regoli ġenerali jaqra kif ġej:

> *«Cancellation may occur where:*
>
> *…*
>
> *(b) the economic or technical parameters of the project have been fundamentally altered.»*

8. Polaris Marine Services Co. Ltd oġġezzjonat quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kontra t-tħassir ta' din is-sejħa fuq il-bażi: (i) li dan it-tħassir sar biss biex tinġieb fix-xejn id-deċiżjoni meħuda mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Awwissu, 2023; (ii) li r-raġunijiet tat-tħassir tas-sejħa msemmija fl-**Artikolu 18.3** tal-***General Rules Governing***

***Tenders*** mhumiex imniżżla fost ir-raġunijiet tal-kanċellament li hemm indikati fir-**Regolament 15(1) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku (Leġislazzjoni Sussidjarja 601.03)**; u (iii) li d-deċiżjoni li wasslet għall-kanċellament tas-sejħa ma kienx fiha s-sejbiet u r-raġunijiet skont ir-**Regolament 15(3) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku** għalfejn kien hemm bżonn li din is-sejħa tiġi mħassra.

9. Id-Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura wieġeb għal din l-oġġezzjoni fl-20 ta' Marzu, 2024 billi skuża ruħu għall-fatt li d-deċiżjoni tal-kanċellament maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti kienet sajma mir-raġunijiet għalfejn is-sejħa ġiet imħassra. Però fit-tweġiba tiegħu huwa fisser li huwa kien bagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti, dikjarazzjoni ffirmata mill-kumitat tal-evalwazzjoni fejn dan kien irrakkomanda li s-sejħa għandha tiġi mħassra minħabba li ma setgħux jintużaw aktar il-fondi tal-Unjoni Ewropea. Din id-dikjarazzjoni tad-9 ta' Jannar, 2024, li ġiet mehmuża mat-tweġiba u li kienet iffirmata minn ħames persuni tgħid kif ġej:

> *«Addendum to the report dated 13th March 2023 –* ***Tender for the Supply, Delivery, Maintenance and Commissioning of Two Rigid Hull Inflatable Boats (RHIB) for the Department of Fisheries and Aquaculture (SPD8/2022/181)***
>
> *9th January 2024*
>
> *Following the appeal court decision dated 29th August 2023, the tender offers had to be re-opened. However, the Head of the Contracting Authority informed the Tender Evaluation Committee that since this procurement was earmarked from EMFF Funds, and since EMFF funds allocated had to be transferred to other areas and were no longer available, the tender had to be cancelled.*

*Pursuant to the above, since there are no funds available, the Evaluation Committee recommends that the tender is cancelled as per article 18.3 (b) of the General Rules Governing Tenders which states:*

*(b) the economic or technical parameters of the project have been altered.*

*Chairperson: Marixei Callus*
*(Assistant Director Fisheries and Aquaculture*

*Secretary: Marie Louis Zammit Micallef*
*(Scientific Officer)*

*Evaluator 1: Saviour Abela*
*(Manager II Department of Fisheries and Aquaculture)*

*Evaluator 2: Clyde Grech*
*(Manager I (Fisheries Protection) Department of Fisheries and Aquaculture)*

*Evaluator 3: Michelle Lunetti*
*(Assistant Director Public Abattoir Ministry For Agriculture, Fisheries and Animal Rights (MAFA))»*

10. Fl-20 ta' Mejju, 2024, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ddeċieda l-każ hekk:

*«This Board, after having examined the relevant documentation to this appeal and heard submissions made by the interested parties opines that,*

*A. The Contracting Authority's letter of reply did indeed lack details. In line with the Public Procurement Regulations and the General Rules the cancellation notice has to be accompanied by a summary of the relevant reasons for the cancellation.*

*B. Had the Contracting Authority acted more promptly, when the funds were still available the tender could have been preserved.*

*Notwithstanding this the Board cannot uphold the appellants grievance as the lack of funding is a justifiable reason for the cancellation of the contract according to the General Rules of Governing Tendering Article 18.3 (b).*

*The Board,*

*Having evaluated all the above and based on the above considerations, concludes and decides:*

*A. Does not uphold the Appellant's concerns and grievances.*

*B. Cancellation of the tender stands*

*C. To refund the deposit to the Appellant due to the fact that the rejection letter did not specify the reason for cancellation of the tender.»*

11. Polaris Marine Services Co. Ltd appellat minn din is-sentenza b'rikors imressaq fl-10 ta' Ġunju, 2024, b'ħames aggravji li jistgħu jinġabru hekk: (i) li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi messu ddeċieda l-każ fuq il-bażi tal-kontenut tal-ittra tal-kanċellament tad-29 ta' Frar, 2024 u mhux fuq il-konsiderazzjonijiet ġodda li tqajmu waqt is-smigħ tal-każ; (ii) li l-Bord naqas milli jindirizza l-ilmenti tagħha dwar il-fatt li tħassir tas-sejħa ma saritx skont ir-**Regolament 15(1) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku**; (iii) li għalkemm ingħad li s-sejħa tħassret minħabba li l-fondi tal-Unjoni Ewropea m'għadhomx aktar disponibbli, b'danakollu l-ebda prova ma nġabet f'dan is-sens quddiem il-Bord; (iv) li sejħa ma tistax skont ir-**Regolament 15(1) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku** titħassar minħabba f'xi bdil fil-parametri ekonomiċi tal-proġett; u (v) li anke kieku stess, il-fatt li l-fondi Ewropej m'għadhomx aktar disponibbli, dan ma jwassalx għall-bdil fil-parametri ekonomiċi tal-proġett skont l-**Artikolu 18.3(b)** tal-***General Rules Governing Tenders***, speċjalment meta wieħed iqis li l-proġett baqa' ma sarx minħabba dewmien li jaħtu għalih biss l-appellati u li l-prezz ta' dan il-proġett mhuwiex xi wieħed daqshekk kbir meta mqabbel man-nefqiet li jagħmel

il-Gvern.

12. Id-Direttur Ġenerali tal-Kuntratti wieġeb għal dan l-appell fit-3 ta' Lulju, 2024 u d-Direttur Ġenerali, Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura wieġeb fit-12 ta' Lulju, 2024 fejn semmew ir-raġunijiet tagħhom għalfejn dan l-appell għandu jiġi miċħud.

13. Inżamm smigħ fis-16 ta' Lulju, 2024, fejn id-Direttur Ġenerali, Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura rtira l-preġudizzjali tiegħu dwar id-deżerzjoni tal-appell u minn hemmhekk il-kawża tħalliet sabiex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

14. Fl-**<u>ewwel aggravju</u>** tagħha l-kumpanija appellanti ssostni li l-Bord ta' Reviżjoni Dwar Kuntratti Pubbliċi ma setax jitbiegħed mir-raġunijiet ta' kanċellament li kienu indikati fl-ittra tad-29 ta' Frar, 2024 mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

15. Jidher mill-mod ta' kif ġie mfassal dan l-aggravju, li l-kumpanija appellanti donnha qiegħda timplika li l-Bord ħassar is-sejħa għal raġunijiet miżjuda jew differenti minn dawk li semma d-Dipartiment tal-Kuntratti fl-ittra tad-29 ta' Frar, 2024.

16. Din il-Qorti jkollha tistqarr li ma taqbel xejn ma' dan l-aggravju.

17. Kif rajna fid-daħla ta' din is-sentenza, fl-ittra tad-29 ta' Frar, 2024, id-Dipartiment tal-Kuntratti kien bagħat jgħarraf lill-kumpanija appellanti li s-sejħa kienet qiegħda tiġi mħassra skont l-**Artikolu 18.3(b)** tal-***General Rules Governing Tenders***. Dan l-artikolu jagħti lok għat-tħassir tas-sejħa f'każ li jkun hemm bdil fil-parametri tekniċi u/jew ekonomiċi tal-proġett.

18. Huwa veru li d-deċiżjoni li ġiet imħabbra mid-Dipartiment tal-Kuntratti ma tfisser xejn ta' kif suppost inbidlu dawn il-parametri tekniċi u/jew ekonomiċi tal-proġett. B'daqshekk iżda, dan ma jfissirx li s-sentenza tal-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi marret lil hemm minn din id-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. Id-deċiżjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti kienet li tiġi mħassra s-sejħa u l-Bord fis-sentenza tiegħu ddeċieda sewwasew jekk is-sejħa kienx ħaqqha li tiġi mħassra jew le skont l-**Artikolu 18.3(b)** tal-***General Rules Governing Tenders***. Minn dan l-aspett għalhekk ma jistax jingħad li l-Bord mar *ultra* jew *extra petita* (ara ***Cherubino Limited v. Dipartiment tal-Kuntratti*** u ***Cherubino Limited v. Id-Direttur (Ġenerali) tal-Kuntratti et***, it-tnejn deċiżi mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Frar 2015).

19. Rilevanti ħafna f'dan ir-rigward is-sentenza ***Borg Bros v. Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Ġunju 2014. F'dik il-kawża l-Qorti tal-Appell kellha quddiemha aggravju li jixbah ħafna dak tal-lum dwar is-siwi tal-ittra tal-kanċellament għaliex skont l-appellant din ma kinitx motivata. L-aggravju ġie deċiż b'dan il-mod:

> *«Illi s-sejħa għall-offerti kienet intenzjonata li tkopri servizzi ta' ġarr ta' għamara, magni, stationery u affarijiet oħra bejn diversi dipartimenti tal-Ministeru appellat, iżda wara bidla fil-politika (fis-sens ta' 'policy') tal-Gvern, it-tender ġiet irtirata fit-termini tal-***Artikoli 33.1 u 33.3(b)*** *tal-istruzzjonijiet għal min jitfa' offerta li kienu jinsabu annessi fit-tender documents. L-artikoli inkwistjoni jippermettu l-irtirar ta' ħruġ għall-offerti meta "the economic or technical parameters of the project have been fundamentally altered". Is-soċjetà appellanti tilmenta mill-fatt li hi ma ngħatatx spjegazzjoni ta' effettivament x'inbidel, ħlief waqt it-trattazzjoni tal-każ quddiem il-Bord, u li, f'kull każ, l-ispjegazzjoni ma hijiex waħda li tiġġustifika l-irtirar tas-sejħa.*
>
> *Fuq l-ewwel aggravju, din il-Qorti tara li l-awtorità konċernata kienet in regola meta qalet biss li irtirat is-sejħa a bażi tar-regolamenti msemmija. F'dak l-istadju indikat li riedet bidla fil-politika rilevanti, u sta għal min kien interessat li jitlob spjegazzjoni u/jew kjarifiki. Ovvjament, darba li l-awtorità konċernata ma tatx spjegazzjoni fl-ittra tal-irtirar, min kellu interess kellu jressaq appell quddiem il-Bord biex isir jaf, kif kellu dritt, x'wassal għall-irtirar, bil-konsegwenza li l-Bord ma kellux jordna t-telf tad-depożitu li sar biex seta' jisma l-appell. L-Awtorità konċernata aġixxiet strettament mal-liġi meta rriferiet għar-regolamenti li jippermettula tirtira sejħa għall-offerti, però, min hu interessat għandu dritt jikkontesta d-deċiżjoni u jitlob stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjoni li wasslet għall-irtirar (ara* ***Hospital Ingenieure Krankenkenhaustechnick Plannings GmbH v. Stadt Wien****, deċiża mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja fit-18 ta' Gunju 2002), u biex dan ikun jista' jsir, trid tingħata informazzjoni dwar x'wassal għall-irtirar. Darba dan ingħata quddiem il-Bord, u s-soċjetà appellanti kienet ġustifikata titlob spjegazzjoni, ma għandhiex tbati l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Bord. Dan ma jfissirx li dak li sar kien null, iżda biss li s-soċjetà appellanta kienet ġustifikata li tressaq ilment quddiem il-Bord. Kien f'dan il-kuntest li l-Bord ħass li jirrimarka li kien ikun aħjar li kieku l-awtorità koncernata tati "the specific reasons to all bidders for the cancellation of the tender.»*

20. Dak li ddeċieda l-Bord fil-każ tagħna kien jifforma parti integrali ta'

dak li żviluppa fil-proċeduri quddiemu. Kemm hu hekk, il-kwistjoni marbuta mat-tħassir tas-sejħa minħabba t-telf tal-fondi Ewropej issemmiet fir-risposta bil-miktub li għamel id-Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura u ġiet trattata mill-partijiet fis-sessjoni orali miżmuma quddiem il-Bord. F'tali ċirkostanzi għalhekk il-Bord ma jistax jiġi kkritikat talli daħal u ddeċieda din il-kwistjoni fis-sentenza finali tiegħu.

21. Kif qalet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza mogħtija minnha fit-13 ta' Frar 2009 fl-ismijiet, ***Melita Cable p.l.c. v. Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni***,

> *«Wisq raġonevolment, dan ma jfisserx illi l-ġudikant hu b'xi mod ristrett milli jindividwa n-natura eżatta tal-azzjoni jew li jqiegħed għab-bażi tal-pronunċjament tiegħu konsiderazzjonijiet ta' dritt diversi minn dawk prospettati mill-partijiet, u anke mill-inizzjattiva tagħhom, għax tali fakultà taqa' fl-attribuzzjonijiet tiegħu. Jingħad, di fatti, fost it-tagħlim tal-* ***Mattirolo*** *illi, "non pecca di ultra petita la sentenza la quale accogliendo la conclusione di una delle parti aggiunge a sostegno di essa dei motivi in diritto che non furono fatti valere dalla parte medesima, o dei motive in fatto che emergono dagli atti della causa" (ara* ***Marchese Riccardo Cassar Desain nomine v. Giovanni Spiteri****, Appell Ċivili, 25 ta' Novembru, 1927). Naturalment, dan salv dejjem li l-ġudikant jibqa' fl-arġini ta' dak lilu domandat jew eċċepit.»*

22. Imma anke kieku stess, il-kumpanija appellanti xorta ma ġarrbet ebda preġudizzju: (i) kemm għaliex ir-raġuni speċifika wara t-tħassir tas-sejħa minħabba telf ta' fondi Ewropej tfissret bil-miktub u oralment quddiem il-Bord ta' Reviżjoni; (ii) kemm għaliex il-kumpanija appellanti ma kinitx miżmuma milli tressaq il-provi u l-argumenti tagħha quddiem il-Bord kontra din ir-raġuni għat-tħassir tas-sejħa; u (iii) kemm għaliex din

ir-raġuni tat-tħassir tas-sejħa kienet magħrufa mill-kumpanija appellanti meta ġiet biex tfassal l-appell tal-lum quddiem din il-Qorti (ara f'dan issens ***Owen Borg v. Ronald Bezzina et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju 2016 u ***AIG Malta Limited et v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Diċembru 2016).

23. Dan biex ma jingħadx ukoll li jkun tabilħaqq ħela ta' żmien li kieku kollox kellu jitħassar sabiex id-Direttur tal-Kuntratti jerġa' joħroġ ittra ta' kanċellament ġdida biex il-proċess tal-kontestazzjoni jerġa' jibda millġdid, meta l-kumpanija appellanti taf sew għal xiex tħassret is-sejħa.

24. Għalhekk għal dawn ir-raġunijiet l-ewwel aggravju ma jistħoqqlux li jiġi milqugħ.

25. Fit-**tieni aggravju** tagħha l-kumpanija appellanti tilmenta mill-fatt li l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi naqas milli jindirizza loġġezzjonijiet tagħha taħt ir-**Regolament 15(1) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku**.

26. Il-kumpanija appellanti għandha raġun hawnhekk tgħid li l-Bord la stħarreġ l-ilment tagħha li r-raġunijiet tat-tħassir tas-sejħa msemmija fl-**Artikolu 18.3 tal-*General Rules Governing Tenders*** mhumiex imniżżla fost ir-raġunijiet tal-kanċellament li hemm indikati fir-**Regolament 15(1)**

**tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku** u lanqas ma stħarreġ l-ilment tagħha li d-deċiżjoni li wasslet għall-kanċellament tas-sejħa ma kienx fiha s-sejbiet u r-raġunijiet skont ir**-Regolament 15(3) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku** għalfejn kien hemm bżonn li din is-sejħa tiġi mħassra.

27. Il-Bord għalhekk mexa ħażin meta ma indirizzax dawn l-ilmenti. Dan għaliex il-Bord huwa mhux biss mistenni iżda huwa marbut jiddeċiedi l-oġġezzjonijiet kollha li jitressqu quddiemu (ara ***General Cleaners Co. Ltd v. Heritage Malta et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-10 ta' Ottubru, 2022).

28. Biss però fil-każ tagħna ma jirriżultax li l-kumpanija appellanti qiegħda titlob lil din il-Qorti sabiex tibgħat l-atti lura lill-Bord sabiex iqis dawn l-oġġezzjonijiet li huma biss ta' natura legali u li ma jeħtieġu l-ebda għarbiel ta' provi jew fatti. Anzi jidher li l-kumpanija appellanti tixtieq illi din il-Qorti għandha tieħu qies hi ta' dawn iż-żewġ ilmenti sabiex bihom tħassar id-deċiżjoni tal-kanċellament tas-sejħa meħuda mid-Dipartiment tal-Kuntratti. B'hekk din il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis dawn l-ilmenti hi.

29. Illi skont ir-**Regolament 15(1)** u **(2) tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku**, id-Direttur tal-Kuntratti għandu d-dritt li jħassar għotja ta' kuntratt f'kull waqt tal-proċess tas-sejħa jew kwotazzjonijiet, ukoll wara

li jkun ġie mħabbar l-offerent magħżul u jkun ukoll għadda ż-żmien biex jitressqu lmenti quddiem il-Bord ta' Reviżjoni jew Qorti, jekk jinstab illi l-għotja ta' dak il-kuntratt tkun saret bi ksur tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku** jew tkun ingħatat b'mod li jiddiskrimina bejn l-operaturi ekonomiċi. Barra minn hekk id-Direttur jista' jiddeċiedi wkoll li jikkanċella xi proċedura tal-offerti jekk proċess ta' evalwazzjoni ma jkunx intemm sat-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-offerti sottomessi.

30. Għalkemm hu veru li l-liġi ssemmi dawn iż-żewġ ċirkostanzi biss meta sejħa tista' tiġi mħassra mid-Direttur tal-Kuntratti, dan ma jfissirx b'daqshekk li l-awtorità kompetenti li toħroġ u tamministra s-sejħa hija miżmuma milli tniżżel raġunijiet oħra ta' kanċellament bħala parti mid-dokument tas-sejħa. Sakemm dawk ir-raġunijiet tal-kanċellament ikunu jiffurmaw parti mid-dokument tas-sejħa u jkunu b'hekk magħrufa minn qabel lill-oblaturi ekonomiċi interessanti, allura ma hemm xejn illegali jew irregolari jekk jiżdiedu raġunijiet oħra għall-kanċellament tas-sejħa. Basta biss li jekk jiżdiedu dawn ir-raġunijiet, dak li jkun ma jiġix imtellef mill-jedd tiegħu li jekk irid jikkontesta dak il-kanċellament skont ir-**Regolament 270** tar-**Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku**.

31. Fil-każ tagħna jirriżulta li l-***General Rules Governing Tenders*** kienu jiffurmaw parti mid-dokument tas-sejħa (ara paġna 21 tad-dokument tas-sejħa). Għalhekk l-**Artikolu 18.3** ta' dawn ir-regoli ġenerali

għandha s-saħħa ta' liġi bejn il-partijiet għaliex kienet kundizzjoni fid-dokument tas-sejħa li l-kumpanija appellanti aċċettat li toqgħod għaliha meta tefgħet l-offerta tagħha biex tieħu sehem fis-sejħa. Kif ingħad ftit tal-ġimgħat ilu biss mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Polaris Marine Services Co. Ltd v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et*** deċiża fl-24 ta' Ġunju, 2024,

> «*Mela billi raġuni għat-tħassir tas-sejħa ma nsibuhiex ukoll fir-reg. 15(1) ma jfissirx illi ma tiswiex, ladarba kull oblatur aċċetta l-patt fil-klawsola 18.3 meta tefa' l-offerta tiegħu*.»

32. Jinżel b'hekk, li ż-żewġ ilmenti tal-kumpanija appellanti dwar it-tħaddim tar-**Regolament 15 tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku** ma jistgħux jitqiesu bħala fejjieda ladarba l-appellati kellhom kull setgħa li jħassru s-sejħa inkwistjoni fuq il-bażi tal-**Artikolu 18.3 tal-*General Rules Governing Tenders***. Dan hu hekk, peress li dan l-artikolu kien jifforma parti mill-kundizzjonijiet li jirregolaw din is-sejħa.

33. It-tieni aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud ukoll.

34. Ngħaddu issa biex inqisu t-**tielet aggravju**. Fih il-kumpanija appellanti tisħaq li l-awtorità kontraenti ma ġabet ebda prova li l-fondi Ewropej tabilħaqq ma baqgħux disponibbli għaliha.

35. Din il-Qorti ma taqbilx.

36. Flimkien mar-risposta li d-Direttur Ġenerali - Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura ppreżenta quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, huwa hemeż dikjarazzjoni tad-9 ta' Jannar, 2024 iffirmata minn ħames min-nies li kienu jagħmlu parti mill-kumitat tal-għażla, li lkoll stqarrew li huma ġew mgħarrfa mill-kap tal-awtorità kontraenti illi l-fondi Ewropej m'għadhomx aktar disponibbli. Ifisser dan, li ma kien hemm xejn xi jżomm lill-kumpanija appellanti milli jekk trid tressaq provi biex tmeri dak li qalu dawn in-nies jew għallinqas illi tħarrek lill-membri tal-kumitat tal-għażla jew tal-awtorità kontraenti sabiex issaqsihom fuq dawn il-fondi Ewropej.

37. Terġa' u tgħid, mill-verbali miżmuma mill-Bord, jirriżulta li l-kumpanija appellanti kienet konxja bil-fatt li l-awtorità kontraenti ma setgħetx aktar tagħmel użu minn dawn il-fondi. Kemm hu hekk fil-minuti tas-seduta tal-Bord miżmuma fis-16 ta' Mejju, 2024 hemm imniżżel hekk:

> *«Dr Cilia mentioned that the Court of Appeal decision was delivered on the 8th August 2023 and the decision of the Authority was published in January 2024 – if it had taken action earlier this problem would have been avoided – there was procrastination and failure to reply to letters after appellant had been excluded unreasonably in the first adjudication.* ***The EU funds expired in November 2023 and there was therefore ample time after the Court decision in August to make a decision****. There is no valid reason for cancellation of this tender.»*

38. Jekk l-avukat tal-kumpanija appellanti kien jaf li l-fondi Ewropej spiċċaw f'Novembru, 2023 allura suppost kienet taf ukoll il-kumpanija appellanti.

39. Minbarra dan, mill-atti tal-kawża ma jirriżultax li l-kumpanija appellanti qatt argumentat f'xi ħin quddiem il-Bord li ma kienx veru li kienu ntilfu l-fondi Ewropej. Ma tistax għalhekk il-kumpanija appellanti tikkwerela quddiem din il-Qorti tal-Appell dwar ħaġa li ma kkwerelatx quddiem il-Bord. Dan aktar u aktar, meta jirriżulta li quddiem il-Bord l-avukat tal-kumpanija appellanti stess stqarr li l-fondi Ewropej ma kinux aktar disponibbli f'Novembru tas-sena 2023.

40. Tħares minn fejn tħares għalhekk anke dan it-tielet aggravju ma jistax jitqies bħala wieħed tajjeb.

41. Fir-**raba' aggravju** tagħha, il-kumpanija appellanti ttenni li l-kanċellament tas-sejħa saret bi ksur tar-**Regolament 15 tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku**.

42. Ġa għedna iżda aktar 'il fuq li l-appellati setgħu jħassru s-sejħa fuq il-bażi tal-***Artikolu 18.3 tal-General Rules Governing Tenders*** b'mod indipendenti mir-**Regolament 15 tar-Regolamenti Dwar l-Akkwist Pubbliku**.

43. Għalhekk anke dan l-aggravju qiegħed jiġi mwarrab.

44. Jifdal biss li jiġi mistħarreġ il-**ħames aggravju**, fejn il-kumpanija

appellanti qiegħda targumenta li mbilli setgħu ntilfu l-fondi Ewropej, dan ma jfissirx allura li nbiddlu l-parametri ekonomiċi tal-proġett. Il-kumpanija appellanti tisħaq li minkejja li setgħu ntilfu dawn il-fondi minħabba dewmien min-naħa tal-appellati, xorta jibqa' l-fatt li l-parametri ekonomiċi tal-proġett ma nbiddlux. Anzi hija tgħid li dawn il-parametri tjiebu wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-29 ta' Awwissu, 2023 minħabba li l-prezz tagħha huwa ferm orħos mill-prezz tal-offerent li kien oriġinarjament rebaħ is-sejħa. Issostni li ma kien hemm ebda bdil fil-parametri ekonomiċi tal-proġett bħal pereżempju żieda fil-prezz tal-materja prima jew xi pandemija. Il-kumpanija appellanti ttemm l-aggravju billi tgħid li qajla hija kredibbli li fejn jinstabu fondi għal nefqiet ta' mijiet ta' miljuni ta' ewro, ma hemmx fondi biżżejjed għax-xiri ta' żewġ *dinghies* bi spiża ta' ftit ta' għexieren ta' ewro.

45. Il-Qorti tagħder is-sitwazzjoni tal-kumpanija appellanti għaliex minkejja li kienet ingħatat raġun mill-Qorti tal-Appell li l-offerta tagħha ġiet skwalifikata għar-raġunijiet ħżiena, b'danakollu kif jingħad fil-Malti hija xorta baqgħet b'xiber imnieħer bħala riżultat tat-tħassir tas-sejħa. B'daqshekk iżda dan ma jfissirx li hija għandha raġun f'dan l-aggravju.

46. Bla ma tidħol fuq il-kwistjoni ta' jekk kienx tort tal-appellati jew le li ma setgħux jintużaw il-fondi Ewropej għal dan il-proġett, għaliex dan mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri, xorta jibqa' l-fatt li skont id-

dokument tas-sejħa: 70% minn dan il-proġett kien ħa jiġi mħallas minn fondi Ewropej. Żgur u mhux forsi, it-telf ta' finanzjament ta' 70% joħloq bidla fundamentali li jolqot l-aspett ekonomiku tal-proġett għaliex filwaqt li qabel l-awtorità kontraenti kienet ħa tħallas biss it-30% tal-proġett, issa li ma tistax aktar tgawdi mill-fondi Ewropej hija trid tħallas il-100%, jekk trid tkompli bil-proġett.

47. Il-fatt li l-offerta tal-kumpanija appellanti hija orħos minn dik li kienet intagħżlet fil-bidu ma jbiddel xejn minn din ir-realtà għaliex meta l-appellati kienu għażlu dik l-offerta l-aktar għolja, huma kienu għadhom igawdu l-finanzjament tal-fondi Ewropej u għalhekk għalihom il-proġett kien xorta sostenibbli għaliex huma kienu ħa jħallsu biss 30% tal-prezz. Il-parametri ekonomiċi tal-proġett issa nbiddlu radikalment għaliex jekk trid tissokta bih, hija trid tħallas il-prezz kollu mhux biss 30%.

48. Kontra dak li tgħid il-kumpanija appellenti, bidla radikali fl-aspett ekonomiku tal-proġett ma tiġrix daqstant meta jogħlew il-prezzijiet tal-materja prima għaliex bidla bħal dik aktar tolqot lill-offerent li huwa marbut bil-prezz li jkun offra milli lill-awtorità kontraenti (ara **Regolament 259 tar-Regolamenti dwar l-Akkwist Publiku**). Mod ieħor mill-perspettiva tal-awtorità kontraenti jkun hemm bidla radikali fl-aspett ekonomiku tal-proġett, jekk hija ħa jkollha tħallas minn butha għall-proġett kollu minflok tħallas biss parti żgħira minnu.

49. Sewwasew f'dan il-każ, irrispettivament ta' kemm huwa l-valur ta' dan il-proġett, il-Qorti qiegħda taqbel mal-appellati li kien hemm tabilħaqq bdil fundamentali fil-parametri ekonomiċi tal-proġett bit-telf ta' 70% fil-finanzjament tal-proġett.

50. Anke dan l-aħħar aggravju għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **tiċħad** l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż tal-appell jitħallsu kollha kemm huma minn Polaris Marine Services Co. Ltd.

Mark Chetcuti
Prim Imħallef

Christian Falzon Scerri
Imħallef

Josette Demicoli
Imħallef

Deputat Reġistratur
ss